**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2025**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Guramentat Numru:- 631/2021 JVC**

**Sylvia Borg** (K.I. nru.119262(M)) u zewgha **Francis Borg (**K.I. nru. 438260(M))

vs

**Alfsons Enterprises Limited**
(C 20428)

**u**

**John Farrugia**
(K.I. nru. 61265(M))

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Sylvia Borg et illi permezz tieghu talbu kif isegwi:

'Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza

1. Nhar l-10 ta' Lulju 2017, gewwa Patri Manwel Magri Street, l-esponenti Sylvia Borg ittajret minn forklifter proprjeta' tal-intimata Alfons Enterprises Limited, li kien qieghed jigi misjuq minn l-intimat John Farrugia.

2. Per konsegwenza ta' dan l-incident, u wara d-debiti accertamenti medici, irrizulta illi Sylvia Borg, sofriet griehi ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna taghha, liema griehi wasslu ghal debiltita' permanenti; dan kif sejjer jigi muri u pruvat fil-mori ta' din il-kawza (Dok. 'A u Dok.'B').Apparti dan, u kif sejjer jigi muri, il-hsara li giet ikkagunata b'konsegwenza ta' dan l-incident qieghed ibatiha ukoll zewgt ir-rikorrenti -Francis Borg.

3. Ghalhekk, u b'rizultat ta' dan l-incident, ir-rikorrenti konjugi Borg, sofrew u ghadhom qieghdin jsofru id-danni; dawn konsistenti fi spejjez (*dannum emergence)*, filwaqt li l-istanti rikorrenti Sylvia Borg, - wahedha sofriet ukoll debilita' funzjonali u permanenti fis-sahha mentali taghha, u konsegwentement, telf ta' qliegh attwali u futur (*lucrum cessans)*.

4. L-intimati injoraw is-sejha tal-istanti biex in segwitu ghall-incident, jersqu ghal-likwidazzzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-istess rikorrenti.

5. L-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. Htija tal-intimati jew min minnhom, in vista li r-rikorrenti Sylvia Borg sofriet griehi serji, gravi u permanenti fuq il-persuna taghha, rizultanti dawn f'danni konsistenti f'debilita' funzjonali u permanenti, danni psikologici, danni psikjatrici, danni morali telf ta' qligh futur, u spejjez ohra; kollha danni imgarrba mir-rikorrenti konjugi Borg.

2. Ghalhekk kellhom jigu mibdija dawn il-proceduri.

<u>Talbiet :</u>

Jghidu ghalhekk l-intimati, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neccessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati (jew min minnhom) huma unikament responsabbli ghad-danni u l-ispejjez l-ohra sofferti mir-rikorrenti Sylvia u Francis Borg, kif fuq spjegat, b'konsegwenza tal-incident stradali li sehh fl-10 ta' Lulju 2017.

2. Tillikwida, jekk thoss il-htiega permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjez sofferti mir-rikorrenti konsistenti dawn f'debilita' funzjonali u permanenti, danni psikologici, danni psikjatrici, danni morali, telf ta' qligh futur, u spejjez ohra;

3. Tikkundanna lill-intimati jew minnhom, sabiex ihallsu lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjez hekk likwidati, u dan flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli skont il-ligi;

   Bl-imghax legali kif mitlub, u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittri gudizzjarji datati 3 ta' Gunju 2020 (rif.1378/2020), 31 ta' Lulju 2018 (rif. 2733/2018) u tat-13 ta' Lulju 2018 (rif. 2501/2018).'

Rat ir-risposta tal-konvenuti Alfons Enterprises Limited u John Farrugia li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, is-socjeta Alfons Enterprises Limited ma' ghandha xejn x'taqsam mal-incident in kwistjoni u ghandha tigi mehlusa minn l-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fil-mertu l-incident mertu tal-kawza odjerna sehh minhabba htijiet tar-rikorrenti Sylivia Borg kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u l-gbir tal-provi;

3. Illi konsegwentement ebda wahda minn l-esponenti ma' ghandha tigi kkundannata thallas danni a favur l-atturi fil-kawza;

4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju, l-atturi ghandhom igibu l-prova li effettivament sofrew xi dannu;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.'

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Frar, 2023 Dr. Edward Gatt ghall-intimati ddikjara kif isegwi:

'illi l-intimati qeghdin jigbdu l-attenzjoni tar-rikorrenti u jiddikajraw li huma koperti b'assigurazzjoni ma' Mapfre Middle Sea insurance polza numru P19004882-17.'

Rat illi fl-istess verbal ir-rikorrenti talbu korrezzjoni fl-okkju f'isem is-socjeta' intimat kif indikat fir-rikors guramentat sabiex dan jigi jaqra 'Alfsons' u mhux 'Alfons'u rat li din il-Qorti laqghet it-talba.

Rat ix-xhieda, affidavits, kontro-ezamijiet, rapporti u l-provi kollha fl-atti.

Rat illi fil-verbal datat 2 ta' Mejju, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'kawza ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' u likwidazzjoni/hlas ta' danni allegatament sofferti

mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati konsegwenza ta' incident stradali li sehh nhar l-10 ta' Lulju 2017 fejn ir-rikorrenti Sylvia Borg sfat midruba wara li ttajret minn 'fork lifter' misjuq mill-intimat John Farrugia direttur u mpjegat tas-socjeta' intimata.

L-intimati da parti taghhom jeccepixxu li s-socjeta' intimata mihiex il-legittimu kontradittur filwaqt li jeccepixxu wkoll li l-incident sehh tort l-istess rikorrenti u ghalhekk ma ghandhom jigu likwidati ebda danni fil-konfront taghha. Fi kwalunkwe kaz id-danni pretizi ghandhom jigu ppruvati.

**Provi dwar l-incident:**

Illi dwar l-incident in kwistjoni tista' tghid li x-xhieda okulari huma biss ir-rikorrenti Sylvia Borg stess u l-intimat John Farrugia u hadd aktar, stante li r-rikorrent Francis Borg ir-ragel tar-rikorrenti jikkonferma fix-xhieda tieghu li hu ma rax l-incident isehh izda sema' lil martu tghajjat wara li l-incident sehh. Il-Qorti ghalhekk ser tgharbel il-verzjonijiet ta' dawn iz-zewg partijiet sabiex tipprova tasal ghal konluzjoni dwar ir-responsabilta' tal-istess.

A fol. 35 tal-process jinsab l-affidavit tar-rikorrenti Sylvia Borg. Fih hija tixhed li nhar l-10 ta' Lulju, 2017 filghodu hija kienet mar-ragel taghha Frankie Borg u pparkjaw bil-karozza faccata ta' Alfsons Enterprises Limited fi Triq Manuel Magri, il-Hamrun, it-triq in kwistjoni hija 'one-way' u qabel qasmet xorta harset iz-zewg nahat u dahlet fil-hanut. Tixhed li l-incident sehh kif isegwi:

'2. Ma tantx kelli bzonn oggetti, infatti niftakar li xtrajt tlett prodotti minghand Alfons, hallast lill-kaxxiera u hrigt mill-bieb ta' Alfond Ltd. F'dan il-punt kont qieghda fuq il-bankina t'a quddiem Alfons

u bdejt nhares fuq il-lemin u fuq ix-xellug tieghi biex ara fejn kien qeighed ipparkjat ir-ragel tieghi Frankie.

3. In fatti, rajt lil frankie fil-karozza fejn kien qieghed ipparkjat faccata tal-hanut ta' Alfsons, ftit 'l isfel mill-istores ta' Alfsons stess. Jien imxejt bil-galbu u mort biex naqsam ghal faccata, ghal fejn kien qieghed ipparkjat zewgi. Jiena rajt forklifter fuq in-naha tal-lemin tieghi u dan deher mghobbi bil-flixken. Il-forklifter kien wieqaf – u ma kienx qieghed jahdem. F'dak il-punt jien rajt li mhux gejjin karozzi u ddecidejt li naqsam biex immur fejn Frankie fil-karozza. Pero ma lhaqtx qsamt ghaliex f'daqqa wahda tajjarni l-forklifter u niftakar hassejt tghafisa kbira ma' sidri bil-flixkien tal-plastik li kien hemm fuq il-forklifter u bid-daqqa ramini f'nofs it-triq.'

Tkompli tixhed kif spiccat l-ITU u x'kienu r-ragunijiet li soffriet disabilita' permanenti ta' 9 % (rapport esebit a fol. 17) fil-mobilita' taghha u ta' 15 % disabilita' ta' natura psikjratrika li flimkien skont il-formola uzata jigu f'total ta' 23%. Tghid li kellha tohrog diversi spejjez habba l-incident u tesebixxi l-ircevuti ta' dawn l-ispejjez mal-affidavit bhala dokument SB 3. Tixhed li dakinhar tal-incident hija kellha l-eta ta' 55 sena u li ma kinitx tahdem izda kienet mara tad-dar u tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tad-dar u tal-familja taghha zewgha u uliedha. Tghid li r-ragel taghha kellu jieqaf ghal erba' xhur mill-over-time li kien jaghmel bhala gwardjan fil-facilita' korrettiva ta' Kordin biex idur biha. Taghlaq illi mill-incident hajjitha nqalbet ta' taht fuq, waqat f'dipressjoni u ghadha tbaghti sallum. Fejn qabel kienet tmur il-bahar jew passiggata mar-ragel dawn l-affarijiet semplici m'ghadhiex tista' taghmilhom.

Rat a fol. 275 l-ewwel versjoni tar-rikorrenti dwar kif sehh l-incident mehuda mill-Espert Mediku nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-

Isptar dakinhar li sehh l-incident li hija versjoni ferm xotta u nieqsa mid-dettalji li fih l-affidavit li sar zmien wara, kif isegwi:

'Illi jien noqghod Santa Venera. Filghodu hrigt mid-dar ghall-habta tal-10.00a.m. Most il-Lidl u mort ghand oht ir-ragel. Atkar tard mort ghand Fonzu u xtrajt xi oggetti.

Kif hrigt waqfu xi karozzi u qsamt it-triq. F'daqqa wahda laqatni xi hadd. Ma nafx x'kien. Naf li laqatni forklifter. Waqajt ma l-art u gabuni l-isptar.'

Rat li a fol. 244 et seq tal-process tinstab it-tieni versjoni tar-rikorrent dwar l-istess incident li ttiehdet nhar il-25 ta' Awwissu, 2018 mill-Perit Richard Aquilina nominat fl-inkjesta magisterjali fejn hija xehdet dwar l-incident liema versjoni taghti ftit aktar dettal kif isegwi:

'Jien kont ninzel ta' spiss nixtri minghand "Alfons Enterprises" go Triq Manwel Magri. Fl-10 ta' Lulju 2017, jiena kont inzilt mar-ragel tieghi bil-karozza. L-ewwel hu waqqaf fejn hanut li jinsab fin-naha l-ohra ta' "Alfons" u min hemm xtrajna l-ilma. Wara li xtrajna l-ilma, ir-ragel sab post biex jipparkja fin-naha l-ohra ta' "Alfons", nizzel lili u jiena mort biex naqsam it-triq ghal ghand "Alfons".

Nispjega li fil-fatt wara li xtrajna l-ilma, jien ma rgajtx dhalt fil-karozza, ir-ragel telaq wahdu u jiena qsamt it-triq wara li rajt li mhux gejjin karozzi.

Jien dhalt nixtri ghand "Alfons" fejn hadt xi erbgha oggetti, hallast u hrigt il-barra. Jien fittixt il-karozza tar-ragel u rajtha fin-naha l-ohra tat-triq. Jien harist il-fuq peress li t-t-triq hi 'One Way', rajt

karozza sa tipparkja fin-naha ta' "Alfons" f'posizzjoni angolata u ohra warajha.

Kif wasalt biex naqsam, rajt Fork Lifter mghobbi u d-driver tieghu ma kienx jidher. F'dak il-hin li rajt il-Fork Lifter u jien harist jekk kienx hemm xi hadd jaralhu, ma rajt lil hadd, imxejt biex naqsam u f'dak il-hin imxiet il-*Fork Lifter*.

Dak kien miexi bil-quddiem u kif ghedt, b'taghbija kbira quddiem li kienet tikkonsisti f'ammont ta' flixken mghottijja bil-plastic. Dak laqatni u tajjarni ghan-naha l-ohra tat-triq, fin-naha ta' "Alfons".

Id-daqqa hadtha fuq saqajja u bqajt f'sensijja. Xi hadd gabli umbrella minhabba x-xemx u xarrbuli wicci u jien bqajt ma' l-art ghax ma stajtx inqum.'

Ir-rikorrent Sylvia Borg xehdet in kontro-ezami a fol. 321 et seq tal-process. Alfsons jinsab fuq ix-xellug fl-istess Triq tal-Knisja tal-Kuncizzjoni. Il-gurnata kienet it-Tnejn, 10 ta' Lulju. Taqbel li fit-triq jipparkjaw karozzi fuq iz-zewg nahat mhux orrizzonali mal-bankina izda bil-bumper lejn il-bini. Tghid li wara l-karozzi hija il-'fork lifter' rat ipparjkat. Hija ma kellhiex basket ghax kellha ftit oggetti f'idejha. X'hin lestitet tixtri, nizlet il-bankina, ghaddiet minn bejn zewg karozzi, harset il-fuq u rat il-'fork lifter' aktar il-fuq fejn jispiccaw il-karozzi, ma kienx vicin hafna izda lanqas il-boghod. Tichad li l-'fork lifter' kien go fiha ezatt x'hin harget minn mal-karozzi tinsisti li l-fork lifter kien naqra vicin taghha daqs metru, metru w'nofs izda skont hi kien wieqaf. Tghid li hija hasbet li l-'fork lifter' kien wieqaf u qasmet, tixhed:

'Heqq imma hi jien naf. Hekk ghidt, ghidt da mhux se jsuq.'

Tichad li l-'fork lifter' kien go fiha izda li kien naqra ma' genbha. Tinsisti li hi ratu wieqaf. Dwar il-kundizzjoni tad-Dijabete tghid li kienet ilha tbaghti biha mal-erbatax-il sena. Tghid li dakinhar tal-incident hija kellha l-eta ta' 55.

In ri-ezami tghid li l-'fork lifter' ratu izda lis-sewwieq ma ratux ghaliex ma setghetx tarah ghax il-'fork lifter' kien mghobbi hafna. Tinsisti li l-'fork lifter' kien wieqaf.

Taghlaq (fol. 335):

'Harist'il fuq u 'l isfel u nerga' 'l fuq ghax it-triq min-naha ta' fuq biss jigu, one way xorta..'

Mistoqsija jekk ratx karozzi gejjn tghid:

'Le mhux ghalhekk kont ha naqsam'.

Rat li minn naha l-ohra l-ewwel versjoni tal-intimat John Farrugia dwar kif sehh l-incident hija dik esebita a fol. 243 et seq tal-process migbura mill-Perit Richard Aquilina bhala espert fl-inkjesta liema versjoni ggib id-data tal-10 ta' Lulju, 2017 cioe' dak in-nhar stess tal-incident u li taqra kif isegwi:

'Jien direttur tad-ditta "Alfsons" u l-Fork Lifter taghna operajtu jien. Jien kont ghamilt course biex insuq il-Fork Lifters xi sena ilu u c-certifikat baqa' ghand l-inginier u ghad ma tawnhiex il-licenzja. Kellu jibghatuli.

Dalghodu ahna ftahna fis-06.30 u operajt il-Fork Lifter skond il-htiega. L-aktar li jintuza hu ghall-pallets bil-fliexken fuqhom.

L-incident gara f'xi 10.00a.m. u qabel dan kont soqtu diversi drabi. Dan il-Fork Lifter ilu ghandna xi sena u nofs u xtrajnieh gdid u jien ili nopera Fork Lifters xi erbghin sena.

Il-Fork Lifter "Hyundai" hu bil-magna Diesel. Fit-triq qrib il-post fejn gara l-incident, kien hemm truck li minnu kont nizzilt pallet bil-fliexken tal-plastic bil-"Gatorade" u wara dan nizzilt ohra, cioe' dik li ghandna fil-post.

Jien erfajt dik il-pallet u kont sejjer niddepozitah faccata fejn il-pallet l-ohra halli wara, dik titghabba bil-palletiser u jdahhluha f'li store. Jien kont insuq il-Fork Lifter u nhares mill-gnub.

Il-pallet kont qtajta xi 20cm mill-art. Il-pallet hi ta' pis konsiderevoli u jien kont insuq il-Lifter bil-mod hafna u nhares mill-gnub ghan-nies. Il-pallet ikun fiha 120 kaxxa.

F'daqqa wahda smajt xi nies jghajtu u jien ghall-ewwel hsibt li kienet inqalghet il-pallet u peress li kont qieghed insuq bil-mod waqaft f'daqqa. Kif harist rajt lil wahda mara ma' l-art u reggghajt il-Lifter lura u mmedjatament jien cempilt ghal ambulanza.'

A fol. 286 giet esebita dokumentazzjoni li tevidenzja li l-intimat John Farrugia jahdem mas-socjeta' intimata u ilu jaghmel dan mis-6 ta' Jannar, 1997 u jidher li huwa mpjegat bhala Direttur.

L-intimat John Farrugia xehed in ezami nhar is-6 ta' Frar, 2024 a fol. 336 et seq tal-process. Jghid li huwa jahdem mas-socjeta' intimata u huwa wiehed mid-diretturi. Jixhed li kellu trakk sabiex jinhatt u kien f'nofs it-triq. Il-fork lifter kien qed ihaddmu hu. Qabad paletta normali li tghabbi b'120 pakkett flixken tal-Gatorade u beda miexi bil-mod bil-forklifter ghax ma jistax jghaggel bil-piz. Il-paletta kien

fiha tunnellata. Mistoqsi jekk setax isuq bil-paletta u jekk kellux vizwali jghid li kellu vizwali imma sa certu tul. Jispjega li s-seat tal-fork lifter ikun fin-nofs ghalhekk ikun fl-gholi. Hu beda jhares fuq ix-xellug u fuq il-lemin. Jghid li sema' ragel minn Peugeot Bajda jghajjajtlu u hu qas induna li kien sehh l-incident. Jghid li lir-rikorrenti ma rahiex hierga minn bejn il-karozzi pparkjati u ma tarax bniedem hiereg minn bejniethom. Jixhed li hu ilu jsuq 'fork lifter' mal-41 sena. Jaf li gara l-incident u telaq jigri fil-hanut u mbaghad hargu hutu u hu lanqas jaf. Jghid li jikkalkula li bejn li beda jsuq il-'fork lifter' u fejn sehh l-incident lahaq saq tul ta' darbtejn l-awla 24. Ma waqafx qabel sehh l-incident. Jixhed li bil-paletta li kellu fuq il-'fork lifter' bil-plastic xrinkjat ma setax isuq jghaggel ghaliex din tgheliblek fuq naha jew ohra. Isuq bil-frieket maqlughin ftit mill-art biex il-palletta titbandal mill-anqas. Jixhed li normali il-'fork lifter' jerfa' sa tunnellata w' nofs u huwa kien qed igorr tunnellata.

John Farrugia xehed in kontro-ezami a fol. 349 a et seq tal-process. Jichad li kien qed igorr zewg tunnellati w'nofs izda tunnellata b'fork lifter li jghabbi l-aktar tunnellata w'nofs. Jikkonferma li kien qed igorr paletta 'standard' u li normali li minn fuqha ma tarax u li trid tara mill-gnub. Jikkonferma li ma kellu lil hadd jaralu x'qed jigri quddiem il-'fork lifter' ghaliex isostni li huwa ghandu l-licenzja biex isur minghajr ma jaralu hadd. Jaqbel li l-'lifter' dejjem jimxi fi triq pubblika izda kellu n-number u l-licenzja. Jaqbel li huwa kien qed ihott minn trakk li kien il-boghod mill-istore. Jaqbel li kien hemm madwar hamsin metru bejn fejn kien hemm it-trakk u l-istore. Jghid li huwa kien qed isuq fuq naha fejn kien hemm il-karozzi pparkjati bil-bumper mal-bankina w'allura hu kien qed ihares lejn ix-xellug biex jara jekk hemmx xi hadd. Jghid li ma kienx ser jaqsam it-triq biex ihott u kien sejjer fid-direzzjoni dritta ghall-istore li kien fuq in-naha tax-xellug fuq l-istess naha tal-bankina tal-

hanut. Jghid li r-rikorrenti mhix twila u hu ma rahiex. Ma jaqbilx li t-tghabija kienet itwal minnu u li kien fiha zewg metri. F'dan l-istadju jghid li beda jara l-karozzi minn quddiem ukoll fuq l-ippakkeggar, imma oggetti ohra aqsar ma setax jarahom. Jixhed li jaf li r-rikorrenti harget minn naha tal-hanut minn naha tax-xellug imma hu ma rahiex. Ma setax jaraha ghax harget minn bejn il-karozzi. Jghid li huwa kellu xokk u dahal jigri l-gewwa ghat-'toilet'. Jerga' jikkonferma li ma kellux bzonn assistent. Jghid li habba 'safety' ma jistax ikollok bniedem quddiemek zgur.

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrent Francis Borg a fol. 58 et seq tal-process li mill-ewwel jghid li huwa ma rax l-incident u ra lil martu mixhuta mal-art wara li dan kien sehh u semaghha tghajjat. Izid li wara l-incident kien cempillu l-intimat John Farrugia li nfurmah li xtaq imur jara lil martu izda qallu li ma kinitx f'kundizzjoni. Offrielu wkoll l-ghajnuna u li jekk ikollha bzonn xi affarijiet kemm icempillu. Izid ukoll li wara ltaqa' ma' hu John Farrugia, Robert Farrugia u dan kien qallu li kienu ser jirrangaw kollox u li ma kienx hemm ghalfejn tinfetah kawza. Hu jaf li l-intimat John Farrugia u huh Robert Farrugia jmexxu s-socjeta' Alfsons Ltd. L-affidavit tieghu ikompli dwar is-sofferenzi u t-telf ta'xoghol li jsostni li hu kellu konsegwenza tal-incident li kellha martu. Il-Qorti ser tidhol f'dan f'aktar dettal fil-konsiderazzjoni tal-allegati danni.

Francis Borg xehed in kontro-ezami a fol. 316 et seq tal-process. Jghid li meta nizzel lir-rikorrent mill-karozza huwa nizel l-isfel bil-karozza daqs tul l-Awla 24 tal-Qorti f'Malta. Jikkonferma li ma baqax isegwi x'qed taghmel martu. Intebah dwar l-incident wara li sehh x'hin sema' lil martu tghajjat. Huwa kien ra qabel l-incident lill-'fork lifter' ghaddej minn mieghu. Jghid ukoll li t-triq kienet direzzjoni wahda. Il-'fork lifter' kien ghaddej minn hdejh qisu

f'nofs ta' triq ghaddew minuta jew tlieta qabel sema l-ghajta ta' martu.

Xehed ukoll in kontro-ezami a fol. 350 a et seq tal-process. Mistoqsi jekk lir-rikorrenti martu qalilhiex fejn kien ser jipparkja jghid li bhas-soltu ghaliex kienet taf x'jaghmel ghax mhux l-ewwel darba li marru, qalilha li kien ser jinzel bicca l'isfel. Jaqbel li fejn kien sabiex issibu kellha tfittxu. Jixhed li hu kien qed jistenna fuq ix-xellug quddiem store ghaliex ma kienx hemm fejn jipparkja ftit l-isfel.

Rat li l-Perit Richard Aquilina, espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti fir-relazzjoni tieghu datata 14 ta' Settembru, 2017 kkonkluda kif isegwi:

'Sylvia Borg qalet li hi kienet rat Fork Lifter mghobbi, harset ghat-traffiku u jekk kienx henm xi hadd jara lil tal-Fork Lifter, ma rat lil hadd u kif imxiet biex taqsam, il-Fork Lifter mexa' u laqatha u tefaghha fin-naha l-ohra tal-fond 'Alfons'. Hi baqghet f'sensiha, ittiehdet l-Isptar fejn giet operata u wara ddahlet fl-I.T.U. B'kollox, sal-25 ta Awwissu hi giet operata erbgha darbiet.

Min-naha tieghu, John Farrugia qal li dakinhar tal-incident hu kien opera l-Fork Lifter diversi drabi. Wara li kien refa' pallet u kien sejjer b'ohra li kienet tqila, hu kien sejjer biha jsuq bil-mod waqt li kien ihares mill-gnub. F'daqqa wahda semgha xi nies jghajtu, waqqaf f'daqqa u kif ra mara nal-art, reggha ftit lura.

L-esponent jirrileva li t-tghabbija li kien qed jerfa l-Fork Lifter kienet konsidereovoli. Din kienet gholja 1.65m mill-art bil-pallet mistrieha. Bil-pallet maqtugha xi 20cm, l-gholi tat-tghabija kien 7.85m, li huwa ghola mit-tul ta' persuna bi statura normali. Fil-fatt, John Farrugia qal li hu kien qed isuq il-Fork Lifter u jhares mill-gnub, u dan qalitu wkoll Sylvia Borg.

John Farrugia ma kellu lil hadd jaralu quddiemu u ghallekk waqt li hu hares min-naha, jidher li Sylvia Borg marret quddiemu bla ma hu seta' jaraha.

Peress li l-Fork Lifter, kien qieghed jigi operat go triq publika, fl-opinjoni tal-esponent, biex jigi trasportat vjagg tant gholi, kien jehtieg li jkun hemm persuna tara li quddiem il-Fork Lifter ma kienx qed ighaddu xi nies.'

Il-Qorti rat l-iskizz tal-post tal-incident redatt mill-Perit Aquilina a fol. 231 tal-process, site plan u r-ritratti mehuda minnu li juru wkoll il-'fork lifter' involut u t-tghabija li kellu fuqu.

Rat ukoll il-bqija tad-dokumentazzjoni relatata mal-proceduri kriminali fil-konfront tal-intimat esebiti a fol. 210 et seq tal-process kif ukoll semghet ix-xhieda tal-esperti jikkonfermaw ir-rapport taghhom. Fosthom rat ir-ritratti tal-post tal-incident mehuda minn PS 586 Mario Azzopardi espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti a fol. 251 et seq tal-process.

**Danni u Debilita' permanenti:**

F'dan ir-rigward il-Qorti rat il-'case summary' tal-griehi sofferti mir-rikorrenti esebita a fol. 7 et seq tal-process minn fejn in generali jirrizulta li hija soffriet 'degloving' serju tal-gilda u l-muskoli f'saqajha konsegwenza li nqabdet taht il-'fork lifter' u kellhom isirulha diversi operazzjonijiet konsegwenti.

Rat ir-rapport tal-espert psikjatriku ex parte Dr. Joseph Spiteri a fol. 12 et seq tal-process datat 4 ta' Gunju, 2018. Huwa jispjega l-problemi sofferti minnha wara l-incident u jsostni li konsegwenza ta' hekk hija qed tbaghti minn kundizzjoni ta' Post Traumatic Stress Disorder u jaghti 15% disabilita' mill-lat psikjatriku. Jaghmel referenza wkoll ghal rapport ex-parte dwar il-lat fiziku tad-

disabilita' li jsostni li huwa fl-ammont ta' 9% (b'referenza ghar-rapport mediku ta' Mr. Francis X. Darmanin) u konsegwentement jasal ghal total ta'disabilita' mahduma skont formola xejntifika ta' 23%.

Dr. Joseph Spiteri xehed a fol. 181 et seq tal-process fejn halef il-kontenut tar-rapport psikjatriku. Jispjega kif ir-rikorrenti ghalkemm kellha ksur f'rasha ma soffrietx debilita' permanenti konsegwenza ta' hekk. Pero' jaghti spjegazzjoni dettaljata dwar kif certu sintomi prezenti fir-rikorrenti wrewh li hija qed tbaghti minn PTSD akuta u li 'l-likelihood hija li ha tibqa' hemmhekk' (fol. 184). Jikkonferma wkoll li l-persentagg ta' 23% moghti jinkludi d-debilita' fisika u li dawn mhux semplicement jighaddu flimkien izda jsir 'weighted average' taghhom w'ghalhekk wasal ghal 23%.

Rat ir-rapport mediku tal-espert ex parte Mr. Francis X. Darmanin a fol. 37 et seq tal-process fejn huwa jidhol fid-dettal fil-griehi li hija soffriet konsegwenza tal-incident bil-'fork lifter' partikolarmanent id-'degloving' tal-gilda tas-sieq u jispjega kif jasal ghal grad ta' disabilita' permanenti ta' 9%. Rat ukoll ir-ritratti tal-griehi annessi mal-istess rapport, griehi li huma evidenti ferm mill-lat estetiku fl-istess ritratti. Mr. Darmanin xehed ukoll a fol. 173 tal-process fejn ikkonferma l-ircevuta tieghu ghar-rapport fis-somma ta' €180 u kkonferma l-griehi u d-disabilita' permanenti sofferta mir-rikorrenti konsegwenza tal-incident in kwistjoni u l-persentagg minnu moghti ta' 9%. Huwa jsostni li dan il-persentagg inghata wkoll tenut kont ta' kwalunkwe 'healing' ulterjuri li seta' jkun hemm fil-futur. Jikkonferma li l-persentagg ta' 9% huwa limitat ghad-disabilita' fisika u mhux psikologika.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Therese Agius a fol. 299 et seq tal-process li halfet il-kontenut tal-'case summary report' esebit a fol. 5 tal-

process. Hija wkoll taghti spjegazzjoni xi tfisser il-kelma 'degloving injury' tas-sieq li sofriet ir-rikorrenti. Tghid li tfisser li litteralment ikun qisu wiehed nehha ingwanta, il-muskoli u l-gilda ma kienux fuq is-sieq, in-nervituri kienu tajbin u anke l-arterji u l-vini. Tispjega wkoll meta u ghalfejn ir-rikorrenti giet operata erba' darbiet. Tikkonferma li r-rikorrenti kienet kaz maghruf ta' diabete w'ghalhekk dawn ikunu aktar miftuhin ghal infezzjonijiet u huma immuno suppressed ghalhekk aktar suxxettibbli ghall-infezzjonijiet kif gralha r-rikorrenti.

Rat l-ircevuti tas-sessjonijiet ta' fisjoterapija u spejjez medicinali ohra a fol. 51 il-quddiem li fit-total jammontaw ghas-somma ta' €351.82 konfermati mix-xhud fisjoterapista Sam Aquilina a fol. 187 et seq tal-process.

Rat li fl-affidavit tieghu a fol. 59 tal-process ir-rikorrent Francis Borg jixhed kif isegwi dwar danni li hu jsostni li sofra konsegwenza tal-incident li kellha martu:

'6. In fatti, minhabba d-dizabilta permanenti li sofriet il-mara tieghi, jiena ghal perjodu ta' zmien, cioe mill-1 ta Lulju 2017 sa' 31 ta Ottubru 2017, jiena kelli niehu permess specjali mill-Assistent Direttur Mariella Camilleri (datat 13 ta' Novembru 2017), fi hdan id-dipartiment responsabbli ghas-servizzi Korrettivi, sabiex ma nidholx l-overtime li kien jkun assenjat lili 'by roster', ghal imsemmi perjodu. Dan il-permess specjali mill-Assistent Direttur qieghed jigi anness ma dan l-affidavit u mmarkat bhala dok. FB 1.

7. Jiena qieghed ukoll nannetti ma dan l-affidavit l-payroll data history tas-sena 2016 u tas-sena 2017 (mmarkat bhala dok. FB2 u FB3 rispettivament) sabiex wiehed jkun jista' jqabbel l-ammont ta' flejjes li kont qlajt mill-over-time. In fatti, fis-sena 2016 jiena kont

irregistrajt l-ammont ta' €8,372.02c, filwaqt li fis-sena 2017 jiena irregistrajt l-ammont ta' €6,923.77c. Dan it-telf ta' €1,448.23c irrizulta minn nuqqas ta overtime li ma kontx hdimt f'dak il-perjodu li kont qieghed ndur bil-mara tieghi. Li kieku ma kontx qieghed ndur bil-mara tieghi u ma tlabtx il-permess specjali kont nigi assenjat dan l-overtime.

8. Minhabba sofferenzi ta dan l-inicident jiena spiccajt insofri b' depression. Hajjitna nbiddlet ta' taht fuq. Tant li jiena hrigt bis-sick leave fit-12 ta' Gunju tas-sena 2018 u circa tmin (8) xhur wara jiena gejt dikjarat boarded out (mmarkat bhala dok. FB 4).'

Rat id-dokumentazzjoni annessi mal-istess affidavit li jikkonfermaw li huwa talab li ma jahdimx overtime ghall pejodu bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u l-31 ta' Ottubru, 2017. Rat id-dokument a fol. 64 li juri li t-talba tieghu sabiex jircievi l-Pensjoni tal-Invalidita' giet milqugha permezz ta' ittra datata 29 ta' Marzu, 2019, rat izda li minn dan id-dokument ma tidhirx ir-raguni ghalfjen intlaqghet tali talba.

Rat a fol. 95 tal-process is-sommarju tal-'payroll' tar-rikorrent esebit minn Mariella Camilleri (xhieda a fol. 178 et seq) u dokumentazzjoni ohra li turi differenza fil-paga bejn is-sena 2017 (€35,562.32) u 2018 (€24,719.44). Fix-xhieda taghha hija tikkonferma li t-talba sabiex ma jaghmilx 'over-time' (li tikkonferma li dan ikun inkluz bhala parti mir-roster) kienet sabiex ikun jista' jiehu hsieb lil martu.

Rat a fol. 287 tal-process il-kopji tal-assikurazzjoni tal-Fork Lifter involut IBW 908 koprenti diversi snin inkluz is-sena tal-incident esebiti minn hu l-intimat Robert Farrugia. Rat id-dokumentazzjoni a fol. 307 et seq li tevidenzja wkoll li l-vettura kellha licenzja sabiex

tigi misjuqa fit-triq u li s-sid registrat taghha kien jidher li huwa Joseph Bajada ghan-nom ta' Alfsons Enterprises Limited (ara xhieda ta' Stephen Cachia a fol. 307 et seq tal-process.

**Ikkunsidrat ulterjorment dwar ir-responsabilita:**

Illi l-Qorti rat mill-verzjonijiet fl-atti u mill-provi fl-atti li l-incident in kwistjoni sehh x'hin ir-rikorrent harget minn bejn zewg vetturi sabiex taqsam it-triq filwaqt li qed tfittex fejn ipparkja l-vettura tieghu ir-ragel taghha. Hija tghid li ma ratx karozzi gejjin izda rat il-fork lifter mghobbi u skont hi dan ma kienx qed jimxi, jew ahjar mid-diversi versjonijiet li hija tat johrog li hija assumiet li kien wieqaf ghalkemm kien pjuttost vicin taghha. Ir-rikorrenti qabdet taqsam ghan-naha l-ohra u spiccat intlaqtet mill-istess 'fork lifter' li fil-fatt ma kienx wieqaf izda kien miexi lejn id-direzzjoni taghha.

Illi minn naha l-ohra jirrizulta li l-intimat John Farrugia kien ilu minn filghodu ghaddej bi vjaggi jghabbi bil-'fork lifter' mit-trakk jimxi madwar hamsin metru u fuq l-istess naha tat-triq inizzel gewwa store. Jghid li ma kellux ghalfejn li jkollu lil xi hadd jghinu ghaliex hu ghandu l-licenzja biex isuq il-'fork lifter' minghajr ghajnuna. Jixhed li kien qed jiccekkja x'qed jigri fuq in-naha tat-triq minn fejn jghaddu l-karozzi u mhux fuq in-naha tal-karozzi li kienu ipparkjati. F'versjonijiet ohra jghid li kien qed ihares lejn ix-xellug u lejn il-lemin u anki minn fuq il-palletta mghobbija. Jammetti izda li oggetti mhux gholjin ma setax jarahom minn quddiem il-paletta. Jikkonferma li hu ma rax lir-rikorrenti taqsam w'ghalhekk ma setax jiprevjeni l-incident. Jixhed ukoll kif il-'fork lifter' kif mghobbi ma setax jigi misjuq jghaggel.

Illi minn dak li rat mill-provi din il-Qorti tqis li l-verita' tal-fatti hi li r-rikorrenti harget mill-hanut, ghaddiet bejn zewg vetturi pparkjati

bil-bumper lejn il-hanut cioe' ghat-tul lejn it-triq, harset il-fuq u l-isfel biex tara hux gejjin vetturi, rat li mhux gejjn, rat il-fork lifter u assumiet hazin li mhux mixi u ddeciediet li taqsam. Minn naha l-ohra l-intimat John Farrugia qies li kien bizzejjed li huwa jhares lejn naha jew ohra sabiex jara fejn isuq fi triq pubblika minghajr il-bzonn ta' ghajnuna sabiex isuq 50 metru mit-trakk ghall-istore bil-'fork lifter' mghobbi sew b'dana li kien qed jillimitalu l-viswali. Dan fi triq li jirrizulta li tkun pjuttost (busy) bil-vetturi gejjin u sejrin u bosta xerrejja. Huwa evidenti li l-intimat John Farrugia naqas milli jzomm 'proper look-out' fit-triq huwa u jsuq dan il-'fork lifter' ghaliex altrimenti kien jarha lir-rikorrenti u jwaqqaf il-'fork lifter' qabel ma jolqotha. Il-fatt li kien miexi bil-mod kien jghinu aktar jiprevjeni li l-incident isehh. Certament f'sitwazzjoni bhal dik din il-Qorti tqis li l-konkluzjoni tal-espert Perit fl-atti tal-inkjesta kienet wahda tajba u cioe' li John Farrugia ma kellux isuq dik il-'fork lifter' b'taghbija tant gholja, f'dik it-triq, minghajr ebda ghajnuna ta' terz jiccekkja x'qed jigri quddiemu. Ovvjament mhux xi hadd li jimxi quddiemu (kif erronjament indika hu fix-xhieda tieghu) izda persuna fuq genb fuq bankina tghidlu x'hemm quddiemu kienet tkun bizzejjed b'dana li l-incident seta' kien jigi evitat.

Illi minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tinjora li r-rikorrent, erronjament assumiet li l-'fork lifter' kien wieqaf. Fil-fatt irrizulta li dan il-'fork lifter' kien mghobbi u fit-triq allura daqs kemm wiehed seta' jassumi li kien wieqaf, aktar u aktar kellu jassumi li kien miexi u f'sitwazzjoni fejn dan kien vera vicin minn fejn hija kienet ser taqsam, ir-rikorrenti kellha wkoll l-obbligu li zzomm 'proper look out' u tiehu l-prekawzjoni li tassigura jekk il-'fork lifter' hux miexi qabel taqsam. Din il-Qorti tqis li mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti ftit li xejn tat importanza l-presenza tal-'fork lifter' fit-triq qabel qasmet u fil-fatt fl-ewwel versjoni tghid li waqfulha xi karozzi u qasemt. Ukoll anki ghaliex probabilment kienet qed tfittex fejn kien

ipparkjat ir-rikorrent fl-istess hin li qed taqsam. Il-Qorti ghalhekk tqis li r-rikorrenti ghandha wkoll parti mit-tort f'dan l-incident ghalkemm mhux fil-persentagg tal-intimat li certament ghandu l-maggor parti tat-tort in vista li l-emergenza fit-triq giet kreata minnu bl-immaniggjar tal-'fork lifter' fi triq pubblika.

Illi din il-Qorti ghalhekk tqis li r-rikorrenti ghandha tigi allokata 10% tar-responsabilita' tal-incident filwaqt li l-intimat ghandu jigi allokat 90% tar-responsabilita' tal-istess.

**Danni sofferti:**

**Damnum Emergens:**

Illi mill-atti jirrizultaw sodisfacentement ippruvati l-ispejjez tar-rikorrenti mill-ircevuti prezentati fis-somma ta' €351.82. Ir-rikorrent Francis Borg isostni wkoll li sofra danni emergenti konsisti f'over-time li huwa ma hadimx stante li kellu jiehu hsieb lil martu. Din il-Qorti taqbel ma' din il-pretensjoni stante li giet sufficjentement pruvata fis-somma pretiza ndikata fin-nota ta' sottomissjonijiet ta'€ 1448.25.

Il-Qorti rat li r-rikorrent Francis Borg qed isostni li soffra danni ulterjuri ghaliex kellu jigi 'boarded out' konsegwenza tal-incident u ghalhekk jipretendi li din il-Qorti tordna l-hlas ta' paga li huwa tilef sakemm wasal fl-eta' tal-pensjoni. Il-Qorti rat li dwar din il-pretensjoni r-rikorrent ressaq biss dokument wiehed bhala prova u cioe' l-ittra datata 29 ta' Marzu, 2019 (fol. 64) li permezz taghha li gie nfurmat li kienet giet milqugha t-talba tieghu ghal Pensjoni tal-Invalidita'. Mill-atti ma johrog minn imkien ir-raguni ghalfejn ir-rikorrent talab li jigi 'boarded out' wisq anqas tali pretensjoni ma giet b'xi mod sopportata b'xi dokumentazzjoni ohra. Din il-Qorti

ghalhekk stante li ma tqisx din il-pretensjoni ppruvata ser tghaddi sabiex tichadha.

Total ta' Damnum Emerges likwidat fis-somma ta' €1800.07 – 10%= €1620.06.

**Lucrum Cessans:**

Illi mhux diskuss li r-rikorrenti dakinhar kellha l-eta' ta 55 sena u li ma kinitx tahdem izda kienet mara tad-dar tiehu hsieb id-dar u l-familja taghha nkluz lil uliedha. F'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti taqbel li ghandha tapplika l-insenjament tal-gurisprudenza u tapplika l-paga minima nazzjonali applikabbli ghas-sena 2017 (is-sena tal-incident) fis-somma ta' mija u disgha u sittin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€169.76) fil-gimgha fit-termini tal-Avviz Legali li ghalih issir referenza fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti. Din il-Qorti izda ma taqbilx la ghandha wkoll tapplika z-zidiet fuq l-istess ghas-snin sussegwenti stante li f'kazijiet bhal dawn dejjem tittiehed il-paga tas-sena l-incident u l-aktar il-medja ta' tlett pagi izda mhux kif proponiet ir-rikorrenti. Il-Qorti ghalhekk ser tahdem fuq paga annwali ta' €8827.52.

Illi dwar ir-rata ta' disabilita' din giet sufficjentement ippruvata fl-atti u mhux kontestata fl-ammont 'wieghted average' ta' 23%.

Dwar il-'multiplier' stante li r-rikorrenti kellha l-eta ta' 55 sena tqis li ghandha tapplika multiplier ta' 10 snin u cioe' sal-eta ta' 65 sena liema 'multiplier' din il-Qorti tqis li jiehu kont ukoll tac-'chances and changes of life'. Tqis li l-applikazzjoni ta' multiplier ta' 15-il sena propost mir-rikorrenti fil-kaz odjern ma jsib l-ebda sapport fil-gurisprudenza nostrana.

Dwar il-'lump sum payment' il-Qorti tqis li l-kawza odjerna giet intavolata madwar erba' snin wara l-incident u xejn ma kien qed izomm lir-rikorrenti tintavola l-kawza qabel. Dwar l-andament tal-provi l-Qorti rat li din il-kawza kienet wahda pjuttost mexxejja u marret ghad-decizjoni fi zmien ragonevoli. Rat ukoll li l-pretensjoni mhux zghira tar-rikorrent ma gietx milqugha u din certament wasslet ukoll ghal nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet. Il-Qorti f'dawn ic-cirkustanzi tqis li ghandha tnaqqas persentagg ta' lump sum ta' 14%.

Ghalhekk fit-total is-somma tigi kif isegwi:

€8827.52. x 23% x 10 – 14% - 10% (responsabilta' tar-rikorrenti)=

€15,714.52

Total ta' Damnum Emergens u Lucrum Cessans fis-somma ta' sbatax-il elf, tlett mija u erba' u tletin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€17,334.58).

**L-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur:**

Illi mill-atti rrizulta sufficjentement ippruvat li l-intimat Joe Farrugia huwa mpjegat tas-socjeta' intimata l-ohra bhala Direttur, fil-hin tal-incident kienet qieghed jaghmel xoghol tal-istess socjeta' intimata u wkoll il-vettura li kien qed isuq hija registrata u proprjeta' tal-istess socjeta' intimata. In oltre s-socjeta' intimata naqset milli tipprovdi s-supervizjoni necessarja waqt li kien qed jinstaq il-'fork lifter' sabiex jigu evitati incidenti bhal dak de quo. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li s-socjeta' intimata ghandha nteress guridiku f'dawn il-proceduri u ghandha tigi dikjarata responsabbli

in solidum mal-intimat w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta'  u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' ntimata stante li tqisha wkoll bhala legittimu kontradittur u tichad it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' biss limitatament it-tieni eccezzjoni tal-intimati filwaqt li tilqa' in parte l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati huma 90% responsabbli ghad-danni u l-ispejjez l-ohra sofferti mir-rikorrenti Sylvia u Francis Borg, kif fuq spjegat, b'konsegwenza tal-incident stradali li sehh fl-10 ta' Lulju 2017 filwaqt li tqis li r-rikorrent Sylvia Borg hija responsabbli ghall-istess fil-percentwal ta' 10%.

3. Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti limitatament u tillikwida id-danni u l-ispejjez sofferti mir-rikorrenti konsistenti dawn f'debilita' funzjonali u permanenti, danni psikologici, danni psikjatrici, danni morali, telf ta' qligh futur, u spejjez ohra fit-total ta' Damnum Emergens u Lucrum Cessans fis-somma ta' sbatax-il elf, tlett mija u erba' u tletin Euro u tmienja u hamsin centezmu  (€17,334.58).

4. Tikkundanna lill-intimati in solidum, sabiex ihallsu lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjez hekk likwidati, u dan flimkien

mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kif mitluba jithallsu 10% mir-rikorrenti u 90% mill-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta’ Marzu , 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ Marzu, 2025**